# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April, 2017**

**Numru 30**

**Appell Ċivili Numru 14/2005/3 SM**

**Nazzareno Abela**

***versus***

**Kontrollur tad-Dwana**

1. Dan huwa appell tad-Direttur Ġenerali (Dwana) ġia Kontrollur tad-Dwana minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ottubru, 2012 li ordnat ir-rilaxx ta' erbatax-il elf litru *diesel* kif ukoll tal-*bowser* bin-numru tax-*chassis* PT 6330 favur l-attur peress illi dawn ma kellhomx jinqabdu minnu.

2. Il-fatti relevanti huma dawn:

3. Fis-17 ta' Diċembru tas-sena 2004 [1] saret spezzjoni minn uffiċċjali tad-Dwana fl-istabbiliment ġewwa ż-Żejtun minn fejn jiġġestixxi n-negozju tiegħu l-attur [2] minħabba li l-uffiċċjali tad-Dwana kellhom

[1] Ara fol 25 tal-proċess.
[2] L-attur huwa s-sid tan-negozju li jopera taħt l-isem "*Ċanċu Supreme Travel.*" Ara *foll.* 71, 72, 81 tal-proċess.

suspett li kien hemm *diesel* li ma kienx tal-Enemalta iżda kien ġej minn kuntrabandu.

4. L-uffiċċjali tad-Dwana ħadu diversi kampjuni tad-*diesel* li kien fil-pussess tal-attur u ssiġillaw *bowser* partikolari – dak bin-numru tax-*chassis* PT6330. Dawn il-kampjuni l-ewwel ġew mgħoddijin lill-laboratorju tad-Dwana – lis-Sur Victor Sammut [3] - sabiex jiġi verifikat jekk id-*diesel* kienx fihom is-*sudan marker* [4] u sussegwentement l-istess kampjuni ġew meħudin għand *Saybolt*, ditta privata li għandha jintbgħatu kampjuni ta' fuel sabiex isiru t-testijiet jew eżamijiet neċessarji fuqhom. [5]

5. Dak li rriżulta mit-testijiet jew l-eżamijiet hawn fuq imsemmijin kien li d-*diesel* in kwistjoni:

- Ma kienx fih is-*sudan marker*; [6]
- Kellu livell għoli ta' *sulphur*; [7]
- Normalment ma jintużax għal vetturi fuq it-triq; [8]
- Ma kellux kulur. [9]

---

[3] Ara *foll.* 26, 59, 150 tal-proċess.

[4] Is-"*sudan marker*" jew "*solvent yellow*" normalment jiżdied mid-Dwana sabiex tkun tista' tidentifika *diesel* li jkun "*duty free*."

[5] Ara *foll*. 28, 63, 150 tal-proċess.

[6] Ara *foll.* 59, 60, 65 tal-proċess.

[7] Ara *foll.* 51, 52, 55 sa 58, 119, 120, 150, 176, 183, 188 tal-proċess.

[8] Ara *foll.* 26, 54, 188, 234 tal-proċess.

[9] Ara *fol.* 176 tal-proċess.

6. Billi lill-Kontrollur tad-Dwana deherlu li diesel ta' dan it-tip ma setax leċitament ikun fis-suq lokali[10], ordna li jinħarġu żewġ noti ta' qbid –dik bin-numru 68/2004 u dik bin-numru 69/2004 – li permezz tagħhom ġew maqbuda erbatax-il elf litru *diesel* kif ukoll *bowser* li jġib in-numru tax-*chassis* PT6330. In-noti ta' qbid ġew rilaxxati mill-Kontrollur tad-Dwana *ai termini* tal-artikolu 27 tal-Kap. 382 u r-raġuni li ngħatat għaliex dawn ġew maqbuda kienet il-ksur tal-artikolu 17 (a), (b) u (ċ), l-artikolu 25 (1) (b) u 26 (2) tal-Kap. 382.

7. L-artikoli 25(1) (b) u 26 (1) tal-Kap. 382 huma l-artikoli li jagħtu s-setgħa lill-Kontrollur tad-Dwana biex jinqabdu l-oġġetti mertu tal-proċeduri odjerni u mhux artikoli li l-ksur tagħhom jiġġustifika l-qbid *per se*.

8. L-artikolu 17 tal-Kap 382 jipprovdi kif ġej:

> »Jekk oġġetti dazjabbli –
>
> »(a) jiġu depożitati jew jinħbew f'xi post bil-għan li jsir frodi kontra l-Gvern għar-rigward tad-dazju tas-sisa li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att; jew
>
> »(b) jitneħħew b'mod klandestin jew mhux leġittimu minn jew 'il barra minn xi maħżen tas-sisa jew xi post fiż-żgur li fihom dawk l-oġġetti dazjabbli jkunu ġew debitament depożitati; jew
>
> »(ċ) wara li jkunu ġew konsenjati minn xi maħżen tas-sisa jew xi post fiż-żgur ieħor fejn ma jsirx ħlas ta' dazju sabiex jittieħdu f'xi post li jkun awtorizzat mill-Kontrollur, dawk l-oġġetti ma jiġux debitament konsenjati f'dak il-post,
>
> »f'kull każ bħal dak, dawk l-oġġetti dazjabbli jkunu jistgħu jiġu konfiskati, u min jagħmel ir-reat jeħel iktar minn hekk il-pieni stabbiliti fl-artikolu li jiġi minnufih qabel dan l-artikolu.«

9. L-attur fetaħ dawn il-proċeduri għaliex iħoss li l-oġġetti in kwistjoni ma kellhomx jiġu maqbuda. Jispjega l-posizzjoni tiegħu kif ġej:

---

[10] Ara *foll.* 120, 121, 122, 123, 177, 185, 186, 188, 222, 231, 234 tal-proċess.

»...

»Illi il-Kontrollur tad-Dwana jagħti bħala raġuni għall-qbid il-ksur tal-artikolu 17 (a), (b) u (ċ), l-artikolu 25 (1) (b) u 26 (1);

»Illi jibda biex jingħad illi l-artikoli 25 (1) (b) u 26 (1) huma l-artikoli li jagħtu is-setgħa li jinqabdu l-oġġetti mertu ta' dana ir-rikors u mhux artikoli li il-ksur tagħhom jiġġustifika il-qbid per se;

»...

»Illi l-esponent ma għamel xejn minn dak kontemplat fl-artikolu 17 u għaldaqstant il-konfiska l-14,000 litru "Diesel" u il-"bowser" li jġib in-numru tax-xazi PT6330 ma hux ġustifikat;

»Illi l-esponent xtara id-diesel mingħand Borg Transportation Limited u ħażnu fil-"bowsers" proprjeta` tiegħu u ikkonsuma tali "diesel" bil-vetturi tiegħu. L-istess "diesel" ġie trasportat sal-proprjeta` tiegħu mill-istess Borg Transportation Limited u tal-istess "diesel" l-esponent ħallas bil-prezz kummerċjali applikabbli f'dak iż-żmien.

»Illi l-esponent xtara u żamm għandhu "diesel" li huwa akkwista bħala regolari u skond il-liġi u ma huwa edott minn ebda fatt li seta' ikkostitwixxa xi vjolazzjoni ta' liġi;

» Illi l-esponent għaldaqstant iħoss illi l-oġġetti mertu ta' dana ir-rikors ma kellhomx jiġu maqbuda;

» ... «[11]

10. L-attur għalhekk talab lill-qorti jogħġobha:

»1. tiddikjara li l-14,000 litru "Diesel" maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana permezz tan-Nota ta' Qbid 68/2004 ma kellhomx jinqabdu;

»2. tiddikjara li l-"bowser" li jġib in-numru tax-xazi PT6330 maqbud mill-Kontrollur tad-Dwana permezz tan-Nota ta' Qbid 69/04 ma kellhux jinqabad;

»3. tordna ir-rilaxx għall-favur tal-esponent tal-14,000 litru Diesel u tal-"bowser" li jġib in-numru tax-xazi PT6330 mertu ta' dana ir-rikors.

»Bl-ispejjes ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimat Kontrollur tad-Dwana.«[12]

11. Il-konvenut irrisponda kif ġej għar-rikors promotur tal-attur:

»1. Illi l-qbid tad-diesel u tal-bowser in kwistjoni sar skond il-liġi stante li wara li saru l-investigazzjonijiet meħtieġa rriżulta li dan il-fuel kien għand ir-rikorrent bi ksur tal-liġi, u b'mod partikolari bi ksur tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li ma kienx diesel impurtat legalment u għalhekk ma kinux tħallsu fuqu t-taxxi ta' importazzjoni dovuti.

»2. Illi l-proċeduri odjerni huma proċeduri in rem li jitolbu r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda nfushom u għalhekk ir-relazzjoni li hemm bejn sid l-oġġett u l-oġġett innifsu, kif ukoll il-punt dwar kemm sid l-oġġetti kien jaf dwar il-fatti tal-każ o meno, huma punti irrelevanti għal dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent imbagħad dejjem għandu dritt t'azzjoni kontra terzi jekk jidhrilu li l-aġir tagħhom ikkawżalu xi dannu.

[11] Ara fol 2 tal-proċess.
[12] Ara fol 3 tal-proċess.

»Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontrieh.«

12. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

» Illi l-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

»1. Illi wara spezzjoni kondotta fi-17 ta' Novembru, 2004, mill-uffiċċjali tad-Dwana assistiti mill-Pulizija fil-garaxx "*Cancu Supreme Travel*" Triq il-Kastellana, iż-Żejtun, il-Kontrollur intimat eleva kampjuni ta' "*diesel"* li taw bidu għal din il-proċedura;

»2. Illi wara li saru l-eżamijiet neċessarji nstab li d-*"diesel"* de quo ma kellux il-*"fiscal marker"* li suppost ikollu waqt li kellu minflok levell ogħli ta' kubrit;

»3. Illi konsegwentement id-*"diesel"* de quo ma kellux ikun fil-pussess tar-rikorrenti odjern peress li dan kien intiż biss biex ikun għall-użu marittimu biss u fi kwalunkwe każ, bl-awtorizazzjoni espressa tad-Dwana, peress li dan ma jistax jintuża fit-toroq;

»4. Illi l-*"fiscal marker"* in diżamina hu għall-użu esklussiv tad-Dwana, u għalhekk l-assenza tal-istess, u r-ritrovament tal-kubrit jindikaw bl-aktar mod ċar li d-*"diesel*" ittieħed minn sors qabel id-Dwana laħqet inseriet l-istess *"fiscal marker"* de quo;

»Ikkunsidrat:

»Illi r-rikorrenti sintetikament isostni s-segwenti:

»1. Illi fis-suq lokali kien jinbiegħ *"diesel"* kemm b' *"sulphur content"* baxx kif ukoll dak b' *"sulphur content"* għoli;

»2. Illi biex it-tipi ta' *"diesel"* jintgħarfu minn xulxin u biex dak *"duty free"* jintgħaraf minn dak li ma jkunx, jiżdied is-*"sudan marker",* (ara fol 249);

»3. Illi mill-eżamijiet kondotti mill-analiżi tal-Kontrollur intimat ma nstab l-ebda "sudan marker";

»4. Illi mid-*"diesel"* konfiskat mir-rikorrent rriżulta biss li dan kellu *"sulphur content"* għoli u xejn aktar, u allura ma kien hemm xejn x'jindika li d-*"diesel"* konfiskat ma kellux id-dazju mħallas fuqu;

» 5. Illi di piu, jirriżulta li d-"diesel" de quo ma kienx *"fuel"* marittimu;

»6. Illi allura xejn ma kien jindika li d-*"diesel"* maqbud mill-intimat li dan kien *"diesel" "duty free";*

»Ikkunsidrat:

»Illi in effetti l-pożizzjoni kif rilevata mir-rikorrenti treġi stante li l-intimat Kontrollur jidher li ppreċipita l-affarijiet qabel ma ra li l-pożizzjoni tiegħu kienet fattwalment rassodata biex treġi l-analiżi legali tar-rikorrenti;

» Illi di piu' jirriżulta assodat ukoll is-segwenti:

»1. Illi r-rikorrenti jforni ruħu esklussivament mis-soċjeta' Borg Transportation Limited;

»2. Illi skont l-analista anzjan tal-istess intimat Kontrollur jirriżulta li r-rikorrenti effettivament kellu d-dazju dovut fuq id-*"diesel"* de quo imħallas, regolarment (ara fol 60);

»3. Illi għalhekk effettivament jirriżulta li l-intimat ma kellu l-ebda raġuni valida fil-liġi għaliex jagħti bidu għal din is-saga inutili riskontrata;«

13. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) ġia Kontrollur tad-Dwana appella b'rikors tas-6 ta' Novembru 2012 li għalih wieġeb l-attur fis-26 ta' April 2013.

14. Nibdew billi nqisu l-ewwel aggravju tal-konvenut fejn jargumenta li l-ewwel qorti għamlet interpretazzjoni skorretta tal-provi mressqa quddiemha. Fisser dan l-ewwel aggravju hekk:

»... l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet interpretazzjoni skorretta tal-provi mressqa quddiemha. Fil-fatt irriżulta mill-atti proċesswali li t-testijiet xjentifiċi kondotti mill-kumpannija analitika *Saybolt,* li saru esklusivament għall-presenza u kwantita ta' kubrit fid-*diesel* elevat, irriżulta li l-istess *diesel* kellu liveli ferm ogħla minn dak permissibbli fil-liġi sabiex jintuża fl-inġenji fit-toroq.

»Illi għandu jiġi iċċarat li l-kompetenza ta' l-Analista Victor Sammut hi limitata sabiex jiġi stabbilit il-presenza u l-konċentrazzjoni ta' *fiscal marker* fid-*diesel* li jkun qed jiġi eżaminat u *mhux* il-livell ta' kubrit li hemm fid-*diesel.* Illi effettivament il-fatt li mir-riżultati kondotti ma irriżultax presenza tal-*fiscal marker* li hu esklussiv għad-Dwana, ma jfissirx li awtomatikament ikun tħallas id-dazju fuq dak id-*diesel,* iżda dan huwa test indikatur wieħed minn fost oħrajn. Huwa preċiżament għalhekk li d-Dwana esiġiet *test* ieħor u cioe t-*test* għal livell ta' kubrit fid-*diesel* li sar mill-kumpannija analitika indipendenti *Saybolt,* liema test fiċ-ċirkostanzi odjerni irriżulta posittiv għal livell għoli ta' kubrit. Għalhekk, jirriżulta li dak id-*diesel* li kien fil-pussess ta' l-appellat Abela kien *diesel* għal użu marittimu u/jew għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku iżda ċertament mhux għal użu minn vetturi fit-toroq. B'riżultat ta' dan isegwi li dak id-*diesel* bl-livell għoli ta' kubrit biss, ikun ittieħed minn sors qabel id-Dwana tkun inseriet il-*fiscal marker* tagħha ġo fih. Għaldaqstant, fil-mankanza tal-*fiscal marker* doganali fid-*diesel* flimkien mal-presenza ta' livell għoli ta' kubrit, ifisser li d-*diesel* ikun ittieħed b'mod illegali minn post qabel ma' d-Dwana tkun fil-posizzjoni li timmarka u tagħmel il-kontrolli tagħha fuq id-*diesel.*

»Illi jirriżulta mix-xiehda tad-Direttur Ġenerali (Dwana) Joseph Brincat tat-31 ta' Jannar 2012 a fol. 234 jirriżulta li *"Is-seizure note ħarġet min-naħa tad-Dwana abbażi tal-fatt illi l-fuel riskontrat qatt ma seta' jkun għand Nazzareno Abela u dan għaliex skont l-analiżi li saru mill-*

*esperti tad-dwana u ġew preżentati fl-Atti ta' din il-kawża dak it-tip ta' fuel kellu sulphur għoli. Skond jiena u skond kif qalli Philip Borg u skond ukoll tas-Saybolt il-fuel ma kienx wieħed automotive u qatt ma seta' jkun għand Nazzareno Abela. Mistoqsi kif Borg infurmani li l-fuel qatt ma kellu jkun għand Abela ngħid illi Abela seta' jkollu biss fil-pussess tiegħu fuel automotive."*

»Inoltre, fix-xhieda ta' l-istess xhud ta' l-24 ta' Jannar 2012 huwa kien ippreċisa li *"... l-fuel in diżamina ma setax ikun għand Abela għaliex mhuwiex Automotive."*

»Illi jirriżulta ukoll mill-atti proċesswali li d-*diesel* in kwistjoni kellu livell għoli ta' kubrit u għalhekk ma setax ikun fil-pussess ta' l-appellat Abela għall-użu ta' vetturi fit-toroq mix-xhieda tal-*Lab Manager* tal-kumpannija indipendenti *Saybolt* David Andrew Gauci li fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2006 a fol 49 tal-proċess spjega li mir-riżultati huwa ċar *"li nista ngħid li mhuwiex EM five ninety grade, jiġifieri mhuwiex automotive..."* u a fol. 52 u li l-kampjuni li eżamina kellhom b'mod konklussiv livell għoli ta' kubrit. Huwa kompla jispjega li t-tip ta' *diesel* li eżamina u li irriżultalu li kellu livell għoli ta' kubrit, kien jintuża bħala *"marine gasoline ... mhux automotive imma".* Inoltre, kif jirriżulta mill-atti proċesswali l-appellat qatt ma ikkontesta l-fatt li d-*diesel* in diżamina kellu livell għoli ta' kubrit, tali li ma setax jintuża fit-toroq skond il-liġi.«[13]

15. L-attur wieġeb hekk:

»... huwa inkwetanti li awtorita governattiva, bħal Kontrollur tad-Dwana, jieħu atteġjament bħal dak fil-każ odjern u b'mod partikolari sabiex jittenta jiġġustifika l-aġir irregolari tiegħu jipprova jislet konġenturi u joħloq interpretazzjonijiet minn fatti li juru għal kollox kuntrarju;

»Illi l-appellant jagħmel żewġ paġni jirrepeti l-fatt illi skond l-analiżi li saret id-diesel in eżami kellhu livell għoli ta' kubrit (*high sulphur content*), u għalhekk ma setax ikun fil-pussess tal-appellat.

»Minn dana l-fatt l-appellant jislet konġentura, li ma tirriżulta minn ebda prova fl-atti, illi ġialadarba dana d-diesel kellu livell għoli ta' kubrit u ma kellux fiscal marker, mela dana l-fuel ta' bilfors ittieħed minn sors qabel id-Dwana tkun inseriet il-fiscal marker. Bid-dovut rispett dina hija asserzjoni u konġentura għal kollox fiergħa u ma hija sorretta minn ebda prova! Huwa biss tentattiv fjakk sabiex l-appellant jiġġustifika l-aġir tiegħu li ma sab ebda mod ieħor li jiġġustifikah!

»Mhux talli dina l-asserzjoni hija bla bażi imma talli ġie mistqarr kategorikament illi fis-suq lokali huwa distribwit żewġ tipi ta' fuel b'high sulphur content u cioe wieħed li huwa duty free u għalhekk ikollu l-fiscal marker u ieħor li jkollu d-dazju imħallas u għalhekk ma jkollux fiscal marker. Dana jistqarruh diversi xhiedha … … …;

»Illi għalhekk huwa għal kollox aċċettabbli li fuel b'high sulphur content ikun fis-suq lokali u jkollu d-dazju imħallas bil-konsegwenza li ma jkollux fiscal marker! Imma fl-appell promutur l-appellant jikkontradixxi x-xhiedha tal-uffiċjali tad-Dwana u tal-Enemalta stess u jibqa' jtenni illi

13 Ara *foll.* 272, 273 tal-proċess.

ġialadarba l-fuel kellhu high sulphur content u ġialadarba ma kellux fiscal marker dana, skond l-appellant, ifisser illi dana l-fuel ittieħed minn sors illegali! Iżda dina t-teżi hija għal kollox kontradetta mill-provi!

»L-appellant ikompli jtenni illi ġialadarba dana l-fuel kellhu high sulphur content ifisser illi dana mhux automotive u għalhekk ma seta' qatt kien fil-pussess tal-appellat;

»Dwar dan jibda sabiex jingħad illi fir-risposta tal-appellant għar-rikors promutur huwa jistqarr illi l-qbid tad-diesel u tal-bowser in kwistjoni sar skond il-Liġi stante li wara li saru l-investigazzjonijiet meħtieġa, rriżulta li dan il-fuel kien għand ir-rikorrent bi ksur tal-Liġi u b'mod partikolari bi ksur tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma kienx diesel impurtat legalment u għalhekk ma kinux tħallsu fuqu t-taxxi ta' importazzjoni dovuti;

»Illi għalhekk skond l-appellant stess l-aġir tiegħu kien ibbażat fuq il-fatt li d-dazju allegatament ma kienx imħallas! Imkien ma huwa eċċepit illi l-qbid ġie eżegwit għax dak it-tip ta' fuel ma setax kien għand l-appellat! Għalhekk ma huwiex leċitu li issa fi stadju ta' appell l-appellant jipprova jressaq xi skuża oħra biex jiġġustifika l-aġir tiegħu! Sabiex jingħad kollox ġia ipprova jagħmel dana t-tentattiv quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti billi jitlob korrezzjoni tar-risposta tiegħu iżda dina t-talba ġiet miċħuda u għalhekk mhux konsentit illi jipprova jagħmel l-istess fi stadju tal-appell!

»Fi kwalunkwe każ minn imkien mill-Liġi ma joħroġ illi dana t-tip ta' fuel ma jistax ikun għand l-appellat! L-iskuża li jġib l-appellant huwa li ġialadarba l-appellat għandhu flotta ta' vetturi ma setax kellhu dana t-tip ta' fuel għandu! Jiġifieri bl-istess argument jekk persuna ma għandiex heaters tal-pitrolju u għandha jinstab ħażna tal-pitrolju mela dana huwa reat! Umilment jiġi rilevat illi dan l-argument huwa għal kollox fieragħ jekk mhux ixableq fuq l-assurd!

»Bid-dovut rispett ma hemm anqas l-iċken prova li l-fuel li ġie maqbud ma kellux id-dazju imħallas fuqu! Anzi għal kuntrarju ix-xiedha kollha jistqarru illi ġialadarba ma kellhux fiscal marker dana l-fuel kellu d-dazju imħallas! Għalhekk kull konġentura magħmula mill-appellant li dana l-fuel ġie maqbud għax ma setax kien għand l-appellat peress li mhux automotive hija biss tentattiv fjakk tal-appellant sabiex isib skużant għall-aġir infondat tiegħu!

»Dak li huwa ċert hu li l-fuel in diżamina kellhu d-dazju imħallas, kif konfermat mix-xhieda kollha, u għalhekk l-pussess tiegħu kien skond il-Liġi;

»Illi għalhekk kienet korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-interpretazzjoni tagħha tal-provi imressqa li del resto kienu kollha kostanti u konsonanti mat-teżi tal-appellat;« [14]

16. Dak li din il-qorti ġiet mitluba tiddetermina f'dan l-ewwel aggravju huwa essenzjalment jekk l-ewwel qorti għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti li kellha quddiemha. F'dan il-każ partikolari, din il-qorti trid

---

[14] Ara *foll.* 289, 290 tal-proċess.

tiddetermina jekk il-konvenut kienx ġustifikat legalment meta ddeċieda li jaqbad erbatax-il elf litru *diesel* flimkien ma' *bowser* li jġib in-numru tax-*chassis*i PT6330 li nstabu fil-proprjeta' tal-attur appellat.

17. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jidher li hemm raġunijiet serji sabiex l-apprezzament tal-ewwel qorti jiġi disturbat.

18. Wara li għarblet il-provi kollha prodotti miż-żewġ partijiet jidher biċ-ċar illi fl-2004 l-Enemalta kellha żewġ tipi ta' *diesel*:

- *Low sulphur diesel*: Dan it-tip ta' *diesel* għandu s-segwenti karatteristiċi:

  i. Għandu livell baxx ta' *sulphur*;

  ii. Qatt ma jkollu kulur; [15]

  iii. Jinbigħ lill-pompi dejjem bid-dazju mħallas [16] u sussegwentement lill-vetturi għall-pubbliku in ġenerali.[17]

- *High sulphur diesel*: Dan it-tip ta' *diesel* għandu s-segwenti karatteristiċi:

  i. Għandu livell ta' *sulphur* iktar għoli minn dak tal-*low sulphur diesel*; [18]

  ii. M'huwiex *automotive* (ma jintużax għall-vetturi) iżda ġeneralment jintuża jew għall-bċejjeċ tal-baħar biex jimxu bih (*marine diesel*) – f'dan il-każ

---

15 Ara *foll.* 143, 144 tal-proċess.

16 Ara *fol.* 29 tal-proċess.

17 Ara *fol.* 28 tal-proċess.

18 Ara *fol.* 28 tal-proċess.

il-kulur tiegħu jkun dejjem aħmar u jista' jkun *duty free* jew dazjabbli iżda dejjem ikun immarkat bis-*solvent yellow* jew bis-*sudan marker*[19] – jew inkella għall-ġenerazzjoni tal-Enemalta; f'dan il-każ il-kulur tiegħu jkun dejjem abjad u jkun *duty free*. [20]

19. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, id-*diesel* li nstab fil-garaxx tal-attur appellat indubbjament ma kienx jikkonsisti f'*low sulphur diesel*. Lanqas ma jista' jingħad li d-*diesel* in kwistjoni seta' jitqies bħala *high sulphur marine diesel* li kien legalment importat mill-Enemalta (li kellha monopolju fuq l-importazzjoni tad-*diesel*) [21] peress illi il-*high sulphur marine diesel* tagħha jkun dejjem aħmar iżda fil-fattispeċie tal-każ odjern kien abjad.

20. Fil-fehma ta' din il-qorti, allura, dan id-*diesel* seta' kien:

- *High sulphur diesel* għall-ġenerazzjoni tal-Enemalta; [22] jew inkella
- *Marine diesel* li ttieħed minn sors qabel id-Dwana tkun inseriet il-*fiscal marker* tagħha ġo fih; jew inkella
- *High sulphur diesel* li ġie importat illegalment hawn Malta.

---

19 Ara *foll.* 29, 123, 124, 125, 133, 143, 149, 152, 153, 154, 176, 182, 222 tal-proċess.

20 Ara *foll.* 29, 222 tal-proċess.

21 Ara *foll*. 144, 176 tal-proċess.

22 Ara *fol.* 221 tal-proċess.

21. Dan id-*diesel* ma setax jikkwalifika bħala *marine diesel* li kellu d-dazju mħallas fuqu għax kieku kien ikun aħmar fil-kulur u mhux abjad u kien ikun immarkat bis-*solvent yellow* jew bis-*sudan marker*. [23]

22. Kien jinkombi fuq l-attur appellat li jressaq biżżejjed provi sabiex jikkonvinċi lil din il-qorti li d-*diesel* in kwistjoni li ġie maqbud mill-konvenut appellant kellu d-dazju mħallas fuqu jew inkella li ma kien hemm l-ebda dazju dovut fuqu. Huwa minnu li l-provi prodotti jirriflettu li ma kien hemm l-ebda preżenza tas-*sudan marker* fid-*diesel* in kwistjoni – madankollu, dan il-fatt waħdu ma jfissirx neċessarjament li dan id-*diesel* kellu d-dazju mħallas fuqu:

- Joseph Brincat, *Inspector* fl-*Enforcement Unit Department* tad-Dwana, fil-fatt jikkonferma li sempliċement għaliex *marine diesel* ma jkollux il-preżenza tas-*sudan marker* ġo fih ma jfissirx neċessarjament li tkun tħallset id-dazju fuqu:

»*Dr Reuben B Farrugia : -*

»U dak li fuqu kellu d-dazju imħallas ma kienx ikollu sudan marker fih, hekk hu?

»*Xhud – Joseph Brincat: -*

»Le mhux bilfors.

»*Dr. Reuben B Farrugia: -*

»Kien ikollu s-sudan marker ukoll?

»…

»*Xhud – Joseph Brincat: -*

»Mhux għax ma għandux ifisser illi ma huwiex duty free! Għaliex jekk dan ma qassmitux l-Enemalta, jekk dana ma ġabitux l-Enemalta regolarment kif suppost, ma jfissirx illi għax ma għandux l-aħmar ... «[24]

---

[23] Ara *foll.* 123, 124, 125, 126 tal-proċess.

[24] Ara *foll.* 157, 158 tal-proċess.

- Mr. Albert Scerri, rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana, fix-xiehda tiegħu mogħtija fil-5 ta' Frar 2008 ukoll spjega li fis-sena 2004 il-*marine diesel* li kien *duty free* ma setax jiġi distingwit minn dak li jkun tħallas id-dazju fuqu u dan minħabba l-fatt li t-tnejn li huma kienu jiġu mmarkati bis-*solvent yellow* jew bis-*sudan marker*. Il-fatt li d-*diesel* in kwistjoni li nstab fil-pussess tal-attur appellat ma kellux is-*sudan marker* allura ma jindikax li kellu d-dazju mħallas fuqu iżda jindika li dan id-*diesel* m'għaddiex mis-sorveljanza tal-Fizzjali tad-Dwana. [25] Hu qal is-segwenti:

»Dr. R. Farrugia: - Issa, dak id-diesel li jintuża għall-inġenji tal-baħar, huwa diesel duty free jew le?

»Mr. A. Scerri: - Jista' jkun it-tnejn, pero' dejjem immarkat.

»Dr. R. Farrugia: - Issa, mela, fis-suq lokali, għall-inġenji tal-baħar, hemm diesel high sulphur content, duty free, u hemm diesel b'high sulphur content, bid-dazju mħallas.

»Mr. A. Scerri: - Hekk hu, pero' dejjem immarkat.

»...

»Dr. R. Farrugia: - Issa, d-diesel li għandu d-dazju fuqu mħallas, id-diesel li jkollu d-dazju fuqu mħallas, ikollu solvent yellow marked fih jew le?

»Mr. A. Scerri: - Jekk qed titkellem fuq tal-baħar iva.

»...

»Dr. R. Farrugia: - Iġifieri, tal-baħar kollu jiġi mmarkat bis-solvent yellow?

»Mr. A. Scerri: - Iva, iva.

»...

»Dr. R. Farrugia: - Kollu?

»Mr. A. Scerri: - Iva.

»...

»Dr. R. Farrugia: - Iġifieri kif tiddistingwi bejn diesel.

»Qorti: - Duty free u mhux duty free?

»Dr. R. Farrugia: - Diesel duty free u diesel mhux duty free?

---

[25] Ara *foll.* 124, 125, 126, 127 tal-proċess.

»Mr. A. Scerri: - Fil-każ tal-baħar kellna nagħmlu hekk minħabba.

»...

»Mr. A. Scerri: Tal-baħar ma tiddistingwihx, le.

»Qorti: - Ma tistax tiddistingwi ...

»...

»Dr. R. Farrugia: - Diesel high sulphur content huwa skond int, kollu mmarkat bis-solvent yellow.

»Qorti: - Bil-yellow solvent.

»Dr. R. Farrugia: - Tajjeb, u ma tistax tiddistingwi bejn duty free u mhux duty free.

»Qorti: - Le, qallek, le

»Mr. A. Scerri: - Le, f'dak le.

»...

»Mr. A. Scerri: - ... l-aħmar le, fuq l-aħmar ma niddistingwuhx, aħna niddistingwu mill-marine bil-kulur għal dak li jintuża fl-art.

»...

»Dr. R. Farrugia: - Iġifieri, intkom il-marine fuel, dan li qed tgħid il-high sulphur content, kollu jkollu fih dan is-sudan marker?

»Mr. A. Scerri: - Li hu for marine purposes iva, li ma jkunx huwa l-leċitu, awtomatikament, għax ma jistax jiġi.« [26]

- Dan ix-xhud jikkonferma wkoll li waħda mill-indikazzjonijiet li tindika jekk id-dazju ġiex imħallas fuq id-*diesel* in kwistjoni hi l-livell ta' *sulphur* li jkun fih u f'dan il-każ partikolari m'hemm l-ebda dubju li dan id-*diesel* kellu livell għoli ħafna ta' *sulphur*:[27]

»Dr. R. Farrugia: - U intom tiġġudikaw jekk hemmx dazju, intom tiddistingwu l-fuel, jekk hemmx dazju mħallas fuqu jew le mis-sulphur content, hekk qed tgħid?

»Mr. A. Scerri: - Waħda mill-indikazzjonijiet hija dik.« [28]

»F'dan il-każ partikolari ġie kkonfermat diversi drabi li d-diesel li nstab fil-proprjeta' tal-attur appellat kellu livell għoli ħafna ta' sulphur.«

---

26 Ara *foll.* 124 sa 133 tal-proċess. Ara wkoll *fol.* 143 tal-proċess.

27 Ara *foll.* 51, 55 sa 58 tal-proċess

28 Ara *fol.* 131 tal-proċess. Ara wkoll ix-xiehda tas-Sur David Andrew Gauci li tinsab *a fol.* 47 tal-proċess.

23. Mill-provi prodotti, jirriżulta ċar ukoll li dan it-tip ta' diesel li nstab fil-pussess tal-attur appellat ma kienx jeżisti fis-suq lokali u konsegwentement ma setax kellu d-dazju mħallas fuqu.

24. Fid-dawl tas-suespost, din il-qorti ma tistax tikkonkludi li r-raġunijiet mogħtija mill-konvenut appellant biex jiġġustifikaw il-qbid ta' l-erbatax-il elf litru diesel kif ukoll il-*bowser* bin-numru *chassis* PT6330 – senjatament dawk ikkontemplati fl-artikolu 17(a), (b) u (ċ) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta – m'humiex ġustifikati. Fil-fehma ta' din il-qorti l-attur appellat naqas milli jressaq provi ċari u konkreti biex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li d-dazju kien tħallas fuq id-*diesel* in kwistjoni u li konsegwentement id-*diesel* li kien fil-pussess tiegħu ma jmissux inqabad.

25. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

26. Billi dan l-aggravju hu biżżejjed biex jintlaqa' l-appell, ma huwiex meħtieġ li nqisu wkoll it-tieni aggravju tal-konvenut appellant.

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell għandhom jitħallsu mill-attur appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df